14 ta' Marzu 1949.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Brig. John Bell Mc. Cance, O.B.E., ne** *versus* **Antonio Sammut**

**Interessi — Dekorrenza — Att Gudizzjarju — Ċitazzjoni.**

*L-interessi moratorji jibdew jiddekorru mill-interpellazzjoni; għaliex qabel ikun hemm il-preżunzjoni illi l-kreditur ma jkunx qiegħed jinsisti għalihom; dana però jekk l-interessi ma jkunux kummerċjali jew dovuti "ope legis", jew "ex stipulatu".*

*Għalkemm il-liġi tgħid illi l-interpellazzjoni għandha ssir b'att ġudizzjarju, dana ma jfissirx illi t-talba li tkun saret fiċ-ċitazzjoni jew petizzjoni ma hix interpellazzjoni suffiċjenti.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur nomine quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremetta illi, peress li l-konvenut ottjena kontra tiegħu mandat ta' sekwestru fis-6 ta' Settembru 1948 f'idejn Lieutenant Colonel Harry H. Malpass bħala Cashier Malta Command, għas-somma ta' £2626. 8. 7 oltre l-ispejjeż tal-mandat (dok. "A"), u dan in eżekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu 1948, konfermata minn din il-Qorti b'sentenza tal-21 ta' Mejju 1948; u peress illi s-somma li għaliha sar il-mandat tikkomprendi s-somma ta' £287. 4. 2 għall-imgħax fuq il-kapital ta' £2260. 2. 6 mit-8 ta' Frar 1946 sat-23 ta' Awissu 1948; u peress illi l-Kurunell Harry H. Malpass bħala Cashier Mal-

ta Command, in eżekuzzjoni ta' mandat ta' sejħa għad-depożitu wara l-imsemmi sekwestru, b'ċedola tas-17 ta' Settembru 1948 iddepożita taħt l-awtorità ta' dik il-Qorti s-somma ta' £2637. 5. 8; u peress illi l-imsemmijin imgħaxijiet mhumiex dovuti ħlief mill-ġurnata ta' l-interpellazzjoni li għamel il-konvenut fl-ittra uffiċjali tad-19 ta' Awissu 1948 (dok. "B"), għaliex dawna l-imgħaxijiet ma ġewx kanonizzati bis-sentenza fuq imsemmija; u talab (1) li jiġi revokat l-imsemmi mandat tas-6 ta' Settembru 1948 in kwantu dak il-mandat jolqot is-somma ta' l-imgħax mit-8 ta' Frar 1946 sad-19 ta' Awissu 1948, data ta' l-imsemmija ittra uffiċjali, ammontanti dawn l-imgħaxijiet għal £286, u hekk l-imsemmi mandat jiġi ridott għas-somma ta' £2351. 5. 8, oltre l-imgħax fuq £2260 mit-23 ta' Awissu 1948 sal-ġurnata tal-preżentata taċ-ċitazzjoni; (2) li huwa jiġi awtorizzat jiżbanka s-somma ta' £286 miċ-ċedola ta' depożitu fuq imsemmija magħmula minn Lieutenant Colonel Harry H. Malpass nomine fis-17 ta' Settembru 1948, salv li hu jkollu jħallas l-imgħax fuq l-imsemmija somma ta' £2260 mit-23 ta' Awissu 1948 sal-ġurnata ta' dik il-preżentata. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu fis-27 ta' Ottubru 1948, fejn iddikjarat illi l-ġudikati ta' l-Ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu 1948 u ta' din il-Qorti tal-21 ta' Mejju 1948, impliċitament u virtwalment laqgħu t-talba għall-imgħax; imma dak l-akkoljiment ma kienx jimporta li l-imgħax kellu jiġi kalkulat mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni, iżda mill-ġurnata tat-8 ta' Marzu 1948, u f'dak is-sens iddisponiet mill-eċċezzjoni tal-ġudikat, bl-ispejjeż ta' dak il-kap nofs għal kull parti, u għalhekk irrevokat il-mandat imsemmi fiċ-ċitazzjoni għas-somma ta' £234. 11. 0¾ biss, u hekk ordnat illi dak il-mandat ikollu l-vigur tiegħu għas-somma bilanċjali ta' £2391. 17. 6¼, dwar il-kap ta' l-imgħax kif kalkulati f'dik is-sentenza, u awtorizzat lill-attur nomine jiżbanka s-somma ta' £234. 11. 0¾, salva lill-konvenut kwalunkwe azzjoni għal lukri legali ulterjuri fuq is-sorti kanonizzata mill-24 ta' Awissu 1948 sas-17 ta' Settembru 1948,

bl-ispejjeż ta' dawk l-aħħar dispożitivi 1/5 kontra l-attur u 4/5 kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat u esponiet il-fattijiet kollha li taw lok għal din il-kawża;

Illi hemm interessi moratorji li jitnisslu mill-ġudikat u li jiġu warajh, u hemm l-interessi konvenzjonali kif ukoll l-interessi moratorji skaduti u dovuti in forza tat-talba ġudizzjarja. Dawk ta' l-ewwel speċi huma posterjuri għall-istess sentenza, u l-oħrajn jiddekorru se maj mill-ġurnata tat-talba ġudizzjarja, peress illi huma anterjuri. Dawk ta' l-ewwel speċi jikkonservaw il-karattru tagħhom ta' interessi, u huma distinti mill-kapital, mentri l-oħrajn isiru ħaġa waħda mal-kapital; u għamlet riferenza għal Mattirolo, Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano, Vol. V, pag. 9, paragrafi 8 u 9; u fil-ġurisprudenza lokali dejjem saret differenza bejn l-interessi dovuti "per diritto di azione" derivanti mil-liġi (bħal lukri kummerċjali u l-konvenzjonali) u dawk dovuti "officio judicis" (bħal dawk dovuti bħala aċċessorji tas-sorti prinċipali u moratorji). Infatti ġie deċiż illi dawk l-interessi għandhom jkunu maħfura meta l-attur ma jkunx għamel talba għalihom u għalhekk ma jkunx hemm il-kundanna. Imma dik ir-regola m'hijiex applikabili għal dawk il-lukri dovuti "ex stipulatu" jew "ope legis", u għamlet riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Diċembru 1873 in re "Piscopo vs. Busietta", Vol. VI, pag. 718, u tal-25 ta' Ġunju 1874 in re "Vallone vs. Nicosia", Vol. VII, pag. 145;

Illi l-interessi in kwistjoni huma moratorji dovuti "officio judicis";

Illi b'ittra uffiċjali tal-14 ta' Jannar 1946, il-konvenut kien interpella lill-attur nomine għall-interessi, ħaġa li reġa' rrepeta fiċ-ċitazzjoni nru. 68/46, notifikata fit-8 ta' Frar 1946, li tikkontjeni intima ġenerali suffiċenti biex l-attur nomine jkun imqiegħed "in mora";

Illi meta dik il-Qorti bis-sentenza tat-8 ta' Marzu 1948, konfermata anki minn dina l-Qorti, laqgħet it-talba għal ċerta somma, ġew milqugħa anki l-aċċessorji tagħha;

Illi għalkemm f'dik is-sentenza ma ~~kienx~~ hemm illi tilqa' t-talba bil-lukri, imma tilqa' t-talba għal ħlas tal-kumpens

għat-telf ta' profitti ta' £2260. 2. 6, b'dan kollu, la darba fit-talba kien hemm imsemmija l-imgħax, għandu jiġi suppost li l-lukri bħala aċċessorji kellhom ukoll jiġu milqugħa kompatibilment mal-mument meta l-mora tista' t'ġi kunsidrata avverata;

Illi kien ikun divers il-każ kieku l-interessi ma ġewx mitluba, għax f'dak il-każ kienet tiġi l-preżunzjoni tar-remissjoni, barra l-każ meta l-interessi jkunu "ex stipulatu" jew "ope legis"; illi dawk il-lukri ġew kanonizzati b'dawk is-sentenzi;

Illi fuq l-eċċezzjoni tal-ġudikat ġie ritenut illi hemm ġudikat in kwantu l-lukri ġew kanonizzati, imma ma hemmx ġudikat fuq id-data minn meta l-interessi jiddekorru; għaliex dawk is-sentenzi qatt ma setgħu jagħtu lukri minn ġurnata meta l-kreditu ma kienx validament likwidat; illi huwa prinċipju stabbilit illi l-interessi jgħaddu mill-ġurnata tal-likwidazzjoni; u għamlet riferenza għal sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1874 in re "Vallone vs. Nicosia", tal-15 ta' Diċembru 1873 in re "Piscopo vs. Busietta", u tal-Prim'Awla Ċivili 1903 in re "Mallia Tabone utrinque" (Kollez. Vol. XIX, p. 83);

Illi l-Board ta' l-Emerġenza stabbilixxa l-bażi tal-likwidazzjoni, imma l-vera u proprja likwidazzjoni saret quddiem dik il-Qorti; illi għalhekk fuq is-somma likwidata l-konvenut kellu dritt għall-interessi mis-6 ta' Marzu 1948 sat-23 ta' Awissu 1948, fis-somma ta' £52. 13. 1¼, u għalhekk il-mandat in kwistjoni għandu jiġi revokat u ridott għas-somma ta' £2391. 17. 6¼, salvi l-interessi ulterjuri mill-24 ta' Awissu 1948 sas-17 ta' Settembru 1948, data li fiha sar id-depożitu;

Illi għalhekk it-tieni domanda tista' tiġi milqugħa għas-somma ta' £234. 11. 0¾;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi konfermata fejn ġie deċiż illi fuq it-talba ta' l-interessi hemm ġudikat, u li tiġi revokata fil-kumplament, billi tiġi respinta t-talba ta' l-attur nomine, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine;

Rat ir-risposta tal-Kurunell Stanley Reginald Garrett,

O.B.E.,.......... illi assuma l-atti.......... u talab illi l-appell avversarju jiġi respint bl-ispejjeż, u peress li għamel anki appell inċidentali talab ukoll ir-riforma tas-sentenza fuq imsemmija, fis-sens (a) li jiġi revokat il-kap li bih ġie deċiż illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu 1948 u s-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Mejju 1948, impliċitament u virtwalment laqgħu t-talba ta' l-imgħax li għandu jiġi kalkulat mis-6 ta' Marzu 1948, u fejn huwa ġie kundannat iħallas nofs l-ispejjeż ta' dak il-kap, billi minflok tiġi riġettata "in toto" l-eċċezzjoni tal-ġudikat sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu, u (b) fil-kap fejn l-attur nomine ġie awtorizzat jiżbanka £234. 11. 0¾ biss u ġie kundannat iħallas kwint ta' l-ispejjeż ta' dan il-kap, billi l-attur jiġi minflok awtorizzat jiżbanka s-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni, ċjoè £286, salv id-dritt tal-konvenut għall-imgħax mid-data ta' l-interpellazzjoni sal-pagament, bl-ispejjeż kollha ta' dan il-kap kontra l-konvenut, u għalhekk jiġi deċiż skond it-talba oriġinali, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Illi l-ewwel gravam li għandu jiġi kunsidrat, kif miġjub fl-appell inċidentali ta' l-attur, huwa illi mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Marzu 1948 ma ħareġ l-ebda ġudikat in riferenza għall-interessi; għaliex din il-kwistjoni hija preliminari u neċessarjament anterjuri għall-kwistjonijiet l-oħra. Għandu jiġi stabbilit minn issa illi s-sentenza li għandha tiġi interpretata hija dik ta' l-Ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu 1948; għaliex peress illi l-appell kien sar mill-konvenut f'dik il-kawża, din il-Qorti ma setgħetx taggrava l-pożizzjoni ta' l-istess appellant fuq l-imgħax, imma ħalliet dik il-pożizzjoni kif ġiet stabbilita mill-Ewwel Qorti. Il-konvenut appellant f'dik il-kawża kien talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tas-somma ta' £2473, in kwantu għal £2410 kumpens għat-telf ta' profitti, u in kwantu għal £63 kumpens għal kera, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mill-ġurnata tan-notifika taċ-ċitazzjoni. L-Ewwel Qorti per mezz ta' sentenza tad-29 ta' Mejju 1946 laqgħet it-talba tal-kumpens tal-kera fis-somma

ta' £63 bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u in kwantu għat-talba l-oħra iddikjarat illi s-sentenza ta' l-Emergency Compensation Board, li kienet illikwidat il-kumpens għat-telf ta' profitti, hija nulla minħabba vjolazzjoni tar-regola "audi alteram partem" u rrinvijat l-inkartament tal-kawża lil dak il-Board. Dan, per mezz ta' sentenza oħra tat-30 ta' Diċembru 1947, għamel bażi ta' kumpens ieħor għat-telf ta' profitti, u meta dik id-deċiżjoni ġiet preżentata quddiem l-Ewwel Qorti, dik il-Qorti fuq l-istess atti, fis-6 ta' Marzu 1948, laqgħet it-talba għall-ħlas ta' £2260. 2. 6 għat-telf ta' profitt', u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu kif ġie indikat f'dik is-sentenza. Kif jidher, fuq l-imgħax ma ssemma xejn, u l-Ewwel Qorti ġibdet il-konsegwenza illi deċiżjoni fuq l-imgħax k'en hemm, fis-sens li ġew milqugħa, imma mhux mid-data indikata fiċ-ċitazzjoni, imma minn dak in-nhar tas-sentenza;

Tikkunsidra;

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Marzu 1948, meta t-talba kienet għall-kundanna tal-ħlas tas-somma ta' £2473 bl-imgħax u bl-ispejjeż, laqgħet dik it-talba għal ħlas ta' £2260. 2. 6 għat-telf ta' profitti, u ordnat kif l-ispejjeż għandhom jitħallsu. Dan juri illi llimitat il-kundanna għal dik is-somma, u mhux iżjed minn hekk; u għalkemm ma qaletx illi tirriġetta kwalunkwe somma akbar, dik tidher implicitament riġettata; kif ukoll, għalkemm ma semmietx l-imgħax, dawk għandhom jidhru impliċitament riġettati, kif mitluba; u għalhekk in riferenza għal dawk l-imgħax ma jidherx li kien hemm ġudikat. D'versament, jekk jiġi interpretat illi l-Ewwel Qorti b'dik is-sentenza laqgħet it-talba ta' l-imgħax, allura tiġi dik il-konsegwenza li hija l-bażi ta' l-appell prinċipali, illi l-Ewwel Qorti, ladarba ma għamlet l-ebda distinzjoni jew limitazzjoni, laqgħet l-imgħax kif mitlub—ħaġa li ġġib għall-assurd, għaliex, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti stess, huwa illoġiku u antiġuridiku li jiġu milqugħa imgħax fuq somma li ħarġet minn deċiżjoni li ġiet dikjarata nulla;

Tikkunsidra;

Illi la darba ma hemmx ġudikat, l-appell prinċipali tal-konvenut għandu jaqa', l-għaliex preċiżament huwa bażat fuq

il-fatt li hemm ġudikat fuq l-imgħax u fuq minn meta jiddekorru, għaliex issottometta illi la darba hemm ġudikat l-Ewwel Qorti ma setgħetx tixxindi dak il-ġudikat. Jibqa' l-kap l-ieħor ta' l-appell inċidentali, jekk l-imgħax għandhomx jiddekorru mill-ġurnata ta' l-interpellazzjoni ġudizzjarja, 19 ta' Awissu 1948, jew għandhomx jiddekorru minn data anterjuri;

Tikkunsidra;

Illi fuq din il-kwistjoni hija ħaġa ċerta fil-ġurisprudenza tagħna illi meta jkun hemm bżonn ta' likwidazzjoni, kif ġara f'dak il-każ, peress illi l-Emergency Compensation Board ta l-bażi ta' dik il-likwidazzjoni biss, l-imgħax jgħaddu mis-sentenza li tkun hekk likwidat il-kreditu, meta t-talba tkun tikkomprendi anki l-imgħax. u dana skond il-ġurisprudenza iżjed reċenti anki ta' din il-Qorti. L-imgħax moratorji jibdew jgħaddu mill-interpellazzjoni, għaliex qabel ikun hemm il-preżunzjoni illi l-kreditur ma jkunx qiegħed jinsisti għalihom, ammenokkè ma jkunux interessati kummerċjali jew "ope legis", jew "ex stipulatu". Issa f'dan il-każ il-kreditur wera din l-intenzjoni per mezz ta' ittra uffiċjali tas-sena 1946. Veru huwa illi dik l-ittra għall-effetti kollha tal-liġi kienet ineffikaċi, peress illi l-kreditu reklamat kien ġej minn titolu null, u għalhekk "quod nullum est nullum producit effectum"; imma meta l-appellant għamel it-talba tiegħu, deċiża definitivament fis-6 ta' Marzu 1948, huwa talab anki l-imgħax, u dik iċ-ċitazzjoni baqgħet isseħħ (għalkemm l-ewwel sentenza tal-Board ġiet annullata) għar-raġunijiet żvolti fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Mejju 1948. Issa dik l-interpellazzjoni li saret fiċ-ċitazzjoni hija vera u proprja interpellazzjoni ġudizzjarja, għaliex, kif ġie deċiż anki minn din il-Qorti in re "Vallone vs. Nicosia" fil-25 ta' Ġunju 1874 (Kollez. Vol. VII, paġ. 45), l-interpellazzjoni għall-interessi per mezz tat-talba li ssir fil-libell jew iċ-ċitazzjoni hija vera interpellazzjoni għad-dekors ta' l-interessi. u l-loġika ġuridika trid l-istess ħaġa; għaliex għalkemm il-liġi trid interpellazzjoni ġudizzjarja per mezz ta' att ġudizzjarju, mhux vwoldiri illi t-talba fiċ-ċitazzjoni mhijiex interpellazzjoni suffiċjenti. Peress illi, kif intqal iżjed 'il fuq, dik is-sentenza tas-6 ta' Marzu 1948 ma laqgħetx inte-

ressi, allura l-interpellazzjoni magħmula b'dik l-ittra uffiċjali ma setgħetx ikollha effett mill-ġurnata illi l-Board iddikjara kemm għandu jkun il-kumpens bil-bażi ta' £2 kuljum; għaliex anki jekk dik kienet likwidazzjoni, għaliex fuqha l-attur seta' ħallas, ma jistax jiġi ritenut illi l-lukri kienu dovuti in forza ta' dawk l-interpellazzjonijiet, ladarba fis-sentenza ma ġewx milqugħa, għax diversament wieħed imur kontra d-dispożitiv ta' dik is-sentenza. Iżda kif kien hemm il-kundanna għal ħlas ta' dik is-somma, dawk l-interpellazzjonijiet, speċjalment dik ta' l-ittra uffiċajli, għandhom jirriprendu l-vigur tagħhom kollu, u l-imgħax jibda jgħaddi, għaliex il-kreditur ikun wera ben tajjeb l-intenzjoni tiegħu illi jeżiġi l-interessi. Għalhekk minn dik id-data l-interessi għandhom jiddekorru. L-ewwel Qorti għal raġunijiet diversi rriteniet illi jiddekorru anki minn dik id-data, u għalhekk is-somma ta' interessi illi l-appellant għandu jieħu u s-somma illi l-attur għandu jiżbanka hija korrettament indikata mill-Ewwel Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

1. Tilqa' l-appell inċidentali ta' l-attur u tiddikjara illi in forza tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu 1948 ma hemmx l-ebda ġudikat in riferenza għall-interessi, bl-ispejjeż relativi kontra l-konvenut appellant;

2. Għalhekk tirrespinġi l-appell prinċipali tal-konvenut appellant, bl-ispejjeż relativi kontra tiegħu;

3. Tirrespinġi l-appell inċidentali fit-tieni kap tiegħu espost taħt l-ittra (b), u għalhekk tikkonferma fuq dak il-kap is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu tas-27 ta' Ottubru 1948, sew fil-meritu fis-somma hemm indikata, kemm fil-kap ta' l-ispejjeż kif ġew regolati f'dak il-kap, u tordna illi l-ispejjeż ta' dan il-kap jitħallsu mill-attur appellat;

U f'dan is-sens biss tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.